**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 164/12 AL

**A B C**
**ID 162077**

**vs**

**D E u id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2012 gew kjamati fil-kawza T u Z u b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2012 Dr Cedric B u il-PL Alison Wadge gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri T u Z**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-attrici u l-konvenut D E m'humiex mizzewwga;
2. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u frott ta' din ir-relazzjoni twieldu fl-10 ta' Ottubru, 2009, it-tewmin T u Z

(Dok. A u Dok. B);

3. Illi peress li l-imsemmija minuri gew registrati bhala wild ir-ragel tal-esponenti attrici, Robert B, l-istess konvenut D E istitwixxa proceduri civili biex il-Qorti tiddikjara li l-minuri m'humiex il-wild naturali tal-imsemmi Robert B;
4. Illi fil-fatt permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2010 fl-ismijiet : D E vs A B C pro et noe et (Rikors Guramentat numru 38/10 NC), din il-Qorti ddikjarat li l-minuri T u Z m'humiex il-wild naturali ta' Robert B (Dok C);
5. Illi l-konvenut, minkejja li gie nterpellat diversi drabi, qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lill-uliedu;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi :

a. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat konvenut D E huwa l-missier naturali tal-minuri T u Z li twieldu fl-10 ta' Ottubru, 2009;
b. Tordna l-korrezzjoni tac-Certifikat tat-Twelid tal-minuri T u Z billi fil-kolonni fejn hemm indikati il-konnottati relattivi ghal missier il-minuri tinkludi d-dettalji tal-intimat D E;
c. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri T u Z f'idejn l-esponenti ommhom;
d. Tordna li l-missier intimat jigi ordnat jissoministra dik ir-retta alimentari stabbilita minn din il-Qorti, liema manteniment ghandu jigi versat skont it-termini stabbilit mill-Qorti;
e. Tordna li l-missier intimat jigi ordnat ihallas lill-attrici esponenti, l-arretrati ta' maneniment minnu dovut ghall-minuri T u Sven u dan b'effett mid-data tat-twelid taghhom 'il quddiem;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in vena preliminari huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li Robert B jkun imsejjaħ fil-kawża ġaladarba f'din l-istanza qed jingħad mill-atttiċi illi l-minuri T u Z m'humiex wild ta' l-imsemmi Robert B;

2. Illi huwa wkoll indispensabbli għall-integrità tal-ġudizzju li jiġu msejħa fil-kawża l-minuri T u Z B C u li għandhom jkunu debitament rappreżentati minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti;

1. Illi in vena preliminari wkoll jingħad li *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri T u Z, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri T u Z, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illli bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri T u Z, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri T u Z, kienet wettqet adulterju ma' l-intimat D E u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lil D E bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri T u Z, u dan *ai termini* tal-**Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri T u Z ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħhom li jġib in-numru ta' skrizzjoni 3671 / 2009 u 3670/2009 rispettivament;

5. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess D E sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identità, (3) l-età tiegħu meta twieldu l-minuri T u Z, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu l-minuri T u Z. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti T u Z;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-minuri T u Z iridu jagħżlu liema kunjom ħa jżommu wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

7. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem Robert B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 3671 tas-sena 2009 u 3670 tas-senta 2009;

8. Illi għall-aħħar tlett talbiet, l-esponent mhux leġittimu kontradittur.

9. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-

rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut D E, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi l-ewwel u t-tieni talba u cioe li l-esponent huwa l-missier naturali ta' T u Z, qed tkun ammessa stante li l-esponent qatt ma cahad dan imma kienet l-omm stess li ma riditx li jkunu rikonoxxuti sabiex tiehu s-servizzi socjali. Tant hu hekk illi l-esponent kien jghix maghha u mat-tfal sa mis-16 ta' Frar 2009 sa l-20 ta' Marzu 2012 u sa minn twelid il-minuri huwa kien dejjem jivversa manteniment u aktar ghall-bzonnijiet ta uliedu u anki ta' uliedha minn zwieg precedenti;
2. Illi l-esponent jopponi li l-kura u l-kustodja tkun fdata esklussivament lill-omm imma din tkun kongunta bil-minuri jirrisjedu ma ommhom stante li fejn jghix l-esponent ma huwiex kbir bizzejjed biex iraqqad lil uliedu minuri hemm, imma jkollu access adegwat stante li attwalment ma huwiex jara lil uliedu;
3. Illi l-esponent minn dejjem hallas retta alimentarja ghall-minuri specjalment meta kien jghix ma l-omm imma l-esponent jibqghalu f'idejh mal-hames mitt euro fix-xahar u kwindi ma jistax ihallas ir-retta alimentarja li talbet l-omm u cioe ta' erba' mitt euro fix-xahar;
4. Illi l-esponent jopponi li jhallas retta alimentarja sa minn meta twieldu l-minuri u dan stante li kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza huwa dejjem hallas manteniment ghall-minuri u anki hallas ghall-bzonnijiet kollha taghhom;

Bl-ispejjez kontra B C A ingunta in subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Cedric B u l-P.L. Alison Wadge li in forza taghha huma eccepew :

Illi l-kuraturi deputati jirremettu ruhhom ghal dak li huwa fl-interess tal-minuri;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat il-ftehim milhuq bejn il-partijiet li jinsab esebit minn fol. 173 sa fol. 177 tal-process li jghid hekk :

"Qabel xejn il-partijiet jiddikjaraw u jippremettu s-segwenti :

Illi l-partijiet jaghmlu riferenza ghall-kawza pendenti quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fl-ismijiet : A B C vs D E et noe (Rikors Guramentat numru 164/2012 AL), aktar 'l isfel imsejjha "il-kawza".

Illi l-partijiet lahqu qbil dwar it-talbiet tal-kawza u ghalhekk qeghdin jersqu ghal dan il-ftehim;

Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet fl-ghaxra ta' Ottubru tas-sena elfejn  u disa' (10/10/2009) twieldu t-tfal minuri bl-isem ta' T u Z.

Illi l-missier jikkonferma li huwa l-missier naturali tal-minuri;

Dan premess, bis-sahha ta' dan il-ftehim, il-komparenti partijiet qeghdin jirregolaw l-aspetti kollha relattivi fir-rigward tal-minuri ai termini tas-segwenti pattijiet u kundizzjonijiet accettati miz-zewg partijiet;

1. Il-komparenti Missier qed jobbliga ruhu li jivversa lill-komparenti Omm s-somma ta' hamsa u sebghin Ewro (€75) fil-gimgha, pagabbli kull gimghatejn bil-quddiem, rapprezentanti manteniment fl-ammont ta' sebgha u tletin Euro u hamsin centezmu (€37.50) ghal kull wiehed miz-zewg minuri. Il-manteniment jizdied kull sena skont l-indici ufficjali tal-gholi tal-hajja. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jghaddi lill-Omm sakemm il-minuri jaghlqu tmintax il-sena (18) jew jibdew jahdmu bi qligh f'impieg full time liema minnhom tigi l-ewwel, jew jekk it-tfal, jew min minnhom, jibqghu jistudjaw sa massimu ta' l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena. Dan il-manteniment huwa pagabbli b'effett mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (01/01/2013). Il-komparenti missier qieghed ukoll prezenzjalment jobbliga ruhu li jghaddi lill-komparenti Omm, is-somma komplessiva ta' elfejn disa' mija u erbghin Euro (€2,940), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' elf tlett mija u tmenin Euro (€1,380) rapprezentanti manteniment ghaz-zewg minuri ghall-perjodu bejn it-tlieta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (23/07/2012) sal-wiehed u tletin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (31/12/2012), u dan bir-rata ta' sittin Euro (€60) fil-gimgha; u in kwantu ghas-somma ta' elf hames mija u sittin Euro (€1,560) rapprezentanti d-differenza bejn is-somma ta' sittin Euro (€60) mhallsa mill-Missier lill-Omm bhala manteniment ghat-tfal u s-somma ta' hamsa u sebghin Euro (€75) maqblula f'dan il-kuntratt u dan b'effett mill-1 ta' Jannar, 2013 sal-31 ta' Dicembru, 2014. Dawn is-somma ghandha tithallas kull xahar fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200) bl-ewwel pagament jibda minn Mejju 2015;
2. In oltre, l-ispejjez ta' edukazzjoni, medici u ta' attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri ghandhom jithallsu mill-kontendenti partijiet, nofs bin-nofs, u dan sakemm il-minuri jaghlqu tmintax-il (18) sena jew jibdew jahdmu bi qligh f'impieg full-time liema minnhom tigi l-ewwel, jew jekk jibqghu jistudjaw fuq bazi full-time, sakemm jibqghu jistudjaw sa massimu ta' l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena. Kull parti hija obbligata li tforni lill-parti l-ohra d-

debita ricevuta fiskali tal-ispejjez surreferit fi zmien gimgha mid-data ta' l-ircevuta. Il-komparenti Missier qieghed presenzjalment ihallas is-somma ta' seba' mija u hmistax-il Euro u hamsin centezmu (€715.50) rapprezentanti nofs l-ispejjez inkorsi mill-Omm sal-lum. L-Omm qeghda thalli d-debita ricevuta skont il-Ligi ghal dan il-hlas. Il-partijiet jaqblu li fejn jidhlu spejjez ta' edukazzjoni m'ghandux ikun hemm spejjez ta' oggetti f'sena partikolari meta jistghu jibqghu jintuzaw tas-sena ta' qabel.

3. Is-somma komplessiva ta' €3,655.5 (ossija €2,940 u €715.5 imsemmija fiz-zewg paragrafi precedenti) ghandha tithallas permezz ta' pagamenti mensili u ininterrotti ta' mitejn Euro (€200) kull pagament, bl-ewwel pagament jibda minn Mejju 2015. F'kaz li l-Missier jonqos li jhallas pagament wiehed jew parti minnu, huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-ammont kollu jkun dovut f'daqqa.
4. Il-komparenti partijiet jaqblu li kwalunkwe bejneficcji socjali pagabbli fil-konfront tal-minuri, inkluz izda mhux limitatament ghac-children's allowance ghandhom jigu percepiti esklussivament mill-komparenti Omm.
5. Il-kura u l-kustodja tal-minuri qed tigi vestita f'idejn iz-zewg komparenti, b'dan li decizjonijiet ta' kulljum ghandhom jittiehdu mill-Omm, filwaqt li decizjonijiet ta' natura straordinarja ghar-rigward l-edukazzjoni u s-sahha tal-Minrui ghandhom jittiehdu konguntivament bejn il-partijiet.
6. Fi kwalunkwe kaz, kull parti tkun intitolata ssegwi l-progress tal-edukazzjoni tal-minuri u titlob u tottjeni wahedha l-informazzjoni kollha minghand id-dirigenti tal-iskola u postijiet edukattivi ohra tal-istess tfal minuri. In oltre, kull parti tkun intitolata ghal informazzjoni adekwata minghand il-parti l-ohra u titlob u tottjeni wahedha informazzjoni minghand l-awtoritajiet kompetenti, dwar is-sahha tal-minuri u ghandha tigi nfurmata minnufih f'kaz ta' mard jew jekk it-tfal ikunu rikoverati fi Sptar,
7. Fl-eventwalita' illi xi hadd mill-minuri jwegga' jew jimrad, il-genitur li mieghu ikun jinstab il-minuri ghandu l-jedd li

jawtorizza l-kura urgenti necessarja u ghandu jinforma lill-genitur l-iehor fl-iqsar zmien possibbli.

8. Il-partijiet jaqblu li l-Minuri ghandhom jirrisjedu primarjament ma l-Omm, filwaqt li l-missier ghandu jkollu access ghall-minuri bil-mod segwenti :
   - Nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00 p.m.) sas-sebgha ta' wara nofsinhar (8.30p.m.)
   - B'mod alternattiv darba s-Sibt u darba il-Hadd mit-tlieta ta' wara nofsinhar (9.00a.m.) sas-sebgha ta' wara nofsinhar (8.30p.m.).

   B'dan illi fl-eventwalita' li l-Missier ikun xoghol nhar ta' Erbgha, il-hin tal-access tieghu ghandu jizdied ma dak ta' tmien il-gimgha;

   Il-partijet jaqblu u jiftehemu li dan l-access jista jigi varjat bi qbil bejniethom.
9. Il-partijiet jaqblu u jiftehemu li l-minuri ghandhom jinhargilhom passaport f'isimhom, liema passaport ghandu jibqa fil-pussess tal-Omm. Ghal dan il-ghan il-partijiet jobbligaw rwiehhom li jiffirmaw kwalsiasi formoli relattivi ghal hrug ta' tali passport. Kwalsiasi safar ghandu jsir bil-kunsens taz-zewg genituri u l-parti l-ohra ghandha tinghata d-dettalji kollha tas-safra.
10. Inkluz il-jedd li tikkomunika mal-Minuri b'mod regolari minn tal-inqas darba kuljum.
11. Kwalunkwe dokumentazzjoni rigwardanti s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ghandha tinzamm mill-komparenti Omm.
12. Il-partijiet qeghdin jaqblu u jifthiemu illi f'nuqqas ta' qbil bejniethom fir-rigward tal-minuri, kull parti ghandha dritt tirrikorri ghal Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi dwar il-punt ta' kontenzjoni.
13. Il-partijiet jaqblu u jiftehmu li l-minuri ghandhom ikunu maghrufa bil-kunjom 'E C'.
14. Il-partijiet jaqblu li, salv kwalunkwe dikjarazzjoni mehtiega, dan il-ftehim ghandu jigi nkorporat f'sentenza moghtija mill-Qorti fl-atti tal-Kawza.
15. Il-partijiet jaqblu illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejniethom, b'dan pero' li kwalsiasi

> drittijiet a spejjez inkorsi mill-konvenuti Direttur tar-Registru Pubbliku u l-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-Minuri ghandhom jithallsu b'mod ugwali bejn iz-zewg komparenti."

Illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri T u Z li twieldu fl-10 ta' Ottubru 2009 minn relazzjoni extra-maritali bejn l-attrici u l-konvenut D E. Il-Qorti ghandha wkoll talba mill-attrici biex hija tigi moghtija l-kura u kustodja tal-minuri, biex il-konvenut missier jigi ordnat ihallas manteniment ghall-minuri u biex il-konvenut missier jigi ordnat ihallas manteniment b'arretrati mid-data tat-twelid tal-minuri. Illi l-partijiet B C u E qablu fuq ftehim li gie awtorizzat minn din il-Qorti u iffirmat mill-partijiet li jinsab a fol 173 sa fol 177 tal-process.

**<u>Il-mertu tal-kaz</u>**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk l-attrici rnexxielie x tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi l-ulied T u Z humiex jew le il-wild naturali tal-konvenut D E. Illi permezz ta' sentenza fl-ismijiet *D E vs A B C pro et noe et* datata 7 ta' Dicembru 2010 (38/2010NC)[1], il-Qorti sabet li l-minuri huma fil-fatt ulied il-konvenut, izda minhabba n-natura tat-talba fil-kawza citata bejn il-partijiet, il-minuri kellhom jigu registrati bhala "missier mhux maghruf" ghalkemm ghal xi raguni fic-certifikat tat-twelid taghhom huma ghadhom jidhru bhala ulied ir-ragel ta' l-attrici

[1] Ara fol 7 tal-process

Robert B[2], madanakollu s-sentenza gia citata marret in gudikat u ghalhekk l-ulied minuri huma ta' "missier mhux maghruf".

L-attrici kellha wkoll, permezz tal-provi li gabet, teghleb il-presunzjonijiet legali fil-ligi, li ghall-inqas wahda mic-cirkustanzi mnissla fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet sodisfatta, u jekk l-attrici irnexxielhiex teghleb ukoll il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet gabu provi, primarjament dwar it-talbiet ta' l-attrici marbuta mal-kura u kustodja u manteniment tal-minuri, ngabu provi diversi dwar il-paga u l-patrimonju tal-konvenut, madanakollu l-partijiet, kif diga' msemmi f'din il-kawza, waslu ghal ftehim bonarju li gie approvat minn din il-Qorti u iffirmat u permezz ta' rikors datat 18 ta' Frar 2015[3] l-partijiet talbu lill-Qorti tinkorpora f'din is-sentenza l-ftehim milhuq bejniethom, iffirmat u anness f'din il-kawza a fol 173. Il-Qorti laqghet din it-talba, u dan ai termini ta' digriet taghha datat 5 ta' Mejju 2015[4]. Ghalhekk il-Qorti mhux se tidhol ulterjorment fil-mertu relatat ma' l-ahhar tlett talbiet ta' l-attrici.

Izda rigward il-paternita' tal-minuri Z u T il-partijiet jaqblu li missier il-minuri huwa l-konvenut E, fil-fatt dan gie anke ripetut fil-ftehim ta' bejniethom ipprezentat u approvat mill-Qorti a fol 173 tal-process. Huma jixhdu wkoll permezz ta' affidavit[5] fejn jikkonfermaw li kellhom relazzjoni u li l-attrici kellha biss relazzjonijiet sesswali mal-konvenut E meta gew koncepiti l-ulied, dan gie ikkonfermat wkoll *viva voce* mill-attrici u ikkonfermat ukoll mill-konvenut E fir-risposta guramentata

---

[2] Ara fol 4 u 5 tal-process

[3] Ara fol 166 tal-process

[4] Ara fol 168 tal-process

[5] Ara fol 29 tal-process li huwa l-affidavit ta' l-attrici, Ara fol 60 fejn tixhed l-attrici *viva voce*, ara fol 103 li huwa l-affidavit tal-konvenut E u wkoll fol 24 ir-risposta guramentata tal-konvenut E

tieghu.L-attrici tipprezenta wkoll t-testijiet tad-DNA ta' l-ulied Sven u T li gew ikkonfermati bil-gurament minn Dr. Marisa Cassar[6].

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti ser tichad l-ewwel eccezzjoni u dan peress li l-imsemmi Robert B m'ghandux ghalfejn jigi msejjah f'din il-kawza, u dan peress li skond is-sentenza citata *D E vs A B C pro et noe et* datata 7 ta' Dicembru 2010 (38/2010NC), huwa gie iddikjarat li mhux missier il-minuri T u Z u jekk din il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tiddeciedi li l-gudizzju mhux integru ladarba ma giex imsejjah Robert B fil-kawza, tkun qed tmur kontra l-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju. Ghal din ir-raguni l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni preliminari, u dan peress li din giet sorvolata permezz ta' verbal ta' din il-Qorti datat 3 ta' Dicembru 2012[7] u dan peress li din il-Qorti laqghet it-talba li jigu msejha fil-kawza kuraturi deputati in rapprezentanza tal-minuri Z u T.

Illi l-Qorti ser tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni u dan peress li ai termini ta' digriet ta' din il-Qorti datat 14 ta' Dicembru 2012[8], il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attrici kontenuta fir-rikors taghha datat 14 ta' Dicembru 2012 biex l-attrici tkompli tipprocedi b'din il-kawza ai termini ta' l-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.[9]

---

6 Ara fol 37, 38, 39, 40 u 41 tal-process

7 Ara fol 32 tal-process

8 Ara fol 52 tal-process

9 Ara fol 50 tal-process

Illi ghal dak li jirrigwarda ir-raba' eccezzjoni, l-partijiet issottmettew ruhhom ghat-testijiet genetici u jirrizulta li l-ulied minuri T u Z huma effettivament ulied il-konvenut D E u dan kif indikat fis-sentenza *D E vs A B C pro et noe et* datata 7 ta' Dicembru 2010 (38/2010NC) liema kawza marret in gudikat.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, fir-rigward tal-Artikolu 77B u tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, l-Artikolu 77B jghid is-segwenti:

*"It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-mara permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra r-raġel tagħha, il-missier naturali u t-tifel tagħha imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba hija tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qegħda tintalab li tiġi ddikjarata bħala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-missier naturali tat-tifel."*

Illi l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*
*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Fid-dawl ta' dawn l-eccezzjonijiet, il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza *D E vs A B C pro et noe et* datata 7 ta' Dicembru 2010 (38/2010NC) li marret in gudikat liema sentenza diga' iddikjarat li l-ulied minuri T u Z

huma ulied il-konvenut E u mhux ulied ir-ragel taghha Robert B. Ghalhekk dawn it-tfal ilhom registrati bhala li huma ta' missier mhux maghruf zgur sa mis-7 ta' Dicembru 2010. Ghalhekk, ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici irnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li hi kellha relazzjoni mal-konvenut D E fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tfal minuri, u dan gie ippruvat permezz tat-testijiet xjentifici ipprezentati f'dan il-process.

Izda d-Direttur tar-Registru Pubbliku iccita l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan li qed jghid fi kliem iehor li l-attrici ma tistax titlob stat kuntrarju ghal dak li ghandhom il-minuri T u Z fl-att tat-twelid u l-pussess ta' stat ta' minuri mwieldin minn koppja mizzewga. Il-Qorti tirrileva li mhux se tara jekk l-attrici irnexxieliex teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan peress li dak li ghandha quddiemha hija kawza ta' filjazzjoni ta' zewgt ulied minuri li gew dikjarati bis-sahha tas-sentenza fil-kawza *D E vs A B C pro et noe et* datata 7 ta' Dicembru 2010 (38/2010NC) li ma humiex it-tfal tar-ragel ta' l-attrici Robert B, u ghalhekk prezentament it-tfal certament li m'ghandhomx stat ta' minuri mwielda minn koppja mizzewga, izda ghandhom stat ta' ulied mwielda u li huma ta' 'missier mhux maghruf'.

Illi dwar it-tmien eccezzjoni tad-Direttur tar-registru pubbliku, din giet sorvolata stante li din il-Qorti giet moghtija d-dettalji kollha dar il-konvenut D E li ghandu karta ta' identita' numru 214779(M) li meta twieledu l-minuri Z u T kellu l-eta ta' tletin (30) sena, li hu twieled Pieta, il-post tar-residenza tieghu meta twieled il-minuri kien il-Hamrun, li missieru jismu Carmelo u li missieru kien haj fiz-zmien meta twieldu il-minuri.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attrici u tiddikjara li l-minuri T u Z ahwa B C huma l-ulied naturali tal-konvenut D E;

2. Tilqa' t-tieni talba ta' l-attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-atti tat-Twelid tal-minuri T u Z B C bin-numru t'iskrizzjoni 3671/2009 u 3670/2009, ihassar il-konnotati kollha tal-missier Raymond B u minflok jissistitwihom bid-dettalji kollha ta' D E li ghandu karta ta' identita' numru 214779(M) li meta twieledu l-minuri Z u T kellu l-eta ta' tletin (30) sena, li hu twieled Pieta, il-post tar-residenza tieghu meta twieled il-minuri kien il-Hamrun,  li missieru jismu Carmelo u li missieru kien haj fiz-zmien meta twieldu il-minuri.

3. Tiddisponi mit-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet billi tinkorpora bhala parti minn din is-sentenza l-ftehim milhuq bejn il-partijiet ezebit a fol 173 tal-process ta' din il-kawza fit-totalita' tieghu u permezz ta' din is-sentenza tirrendi dan il-ftehim bhala titolu ezekuttiv fil-konfront taz-zewg partijiet.

4. Tilqa' s-seba' eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-atti tat-twelid tal-minuri T u Z bin-numru t-iskrizzjoni 3671/2009 u 3670/2009 jikkancella l-kelmiet "the said" li jinsabu qabel l-isem "A B C" taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati taghrif dwar l-omm.

Bl-ispejjez ghandhom jithallsu nofs bin-nofs mill-attrici u l-konvenut D E.